



# Il-Festa ta' Marija Bambina u l-Melleħin

**Onor. Dr Michael Farrugia**
*Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva*



Għaddiet sena oħra u għal darba oħra qed nersqu lejn il-festa ta' Marija Bambina, festa li hija ċċelebrata wkoll fuq livell nazzjonali.

Għal sena oħra ma nistgħux niċċelebraw il-festa b'mod normali minħabba l-pandemija. Huwa importanti li nibqgħu prudenti u nosservaw id-direzzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika fl-interess tagħna u ta' persuni madwarna.

Fl-aħħar ġimgħat, personalment irrealizzajt kemm hu importanti li kulħadd jieħu t-tilqima. Għandna proverbju Malti: "Għin ruħek biex Alla jgħinek."

Tul dawn l-aħħar għexieren ta' snin dejjem kont preżenti għall-attivitajiet tal-festa organizzati fil-Mellieħa b'mod speċjali dawk organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial. Minkejja li nkun spiss fl-akkwati tal-Mellieħa u għand diversi ħbieb Melleħin, bħal kull sena nieħu l-opportunità biex niċċelebra l-festa mal-Melleħin ukoll. Nittama li għalkemm ħafna mill-attivitajiet mhux se jsiru, ikolli l-opportunità li niltaqa' ma' ħafna minnkom.

Għalkemm matul l-aħħar għexieren ta' snin kont nagħti għajnuniet diversi lill-Għaqda Mużikali Imperial, kemm dawk mitluba minni jew b'mod volontarju, is-sena li għaddiet rajt li s-sede tal-għaqda, flimkien ma' għaqdiet oħrajn, tgawdi minn għotjiet ta' numru ta' pannelli tax-xemx li kien qed jagħti l-Gvern ħalli jonqsu l-ispejjeż tal-użu tal-enerġija fis-sede tal-għaqda.

Filwaqt li niċċelebraw kif xieraq il-festa ta' Marija Bambina, insellmu lil dawk il-ħbieb tagħna Melliħin li sfortunatament ħallewna, imma li kienu minn ta' quddiem biex iferrħu lill-Melleħin u anke jifirħu magħhom.

Ejjew niċċelebraw din il-festa kemm lokali u kemm nazzjonali f'għaqda bejnietna. Ma ninsewx li l-ewwel u qabel kollox hi festa reliġjuża. Barra minn hekk hi festa lill-Madonna li hi ħafna għal qalb il-Melleħin. Imma hi wkoll festa ta' ringrazzjament lill-Madonna li pproteġiet lil pajjiżna u lill-Maltin u l-Għawdxin fi żminijiet koroh ta' gwerer u għawġ ieħor.

Viva Marija Bambina!

George's Bakery
22, Main Street, Mellieħa
Tel: 21 520685
Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd